# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**James Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **James Agius** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 558888M u li ġie mixli talli f'dawn il-gżejjer fid-19 ta' Novembru 2013 għall-ħabta tas-14:00 fil-fond 103, Triq Sant'Orsola, Valletta u fil-Gżejjer ta' Malta:

"1. talli fid-19 ta' Novembru 2013 minn fuq il-persuna ta Doris Vella fi Triq Sant'Orsola Valletta ikkommettejt serq ta' gojjeli, liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37c), ghad-detriment ta' Doris Vella liema serq huwa kwalifikat bil- valur li jeccedi l-ammont ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmi ta' Ewro (2329.37c Ewro); liema serq u kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, bil-mezz u bil-lok;

2. ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, xjentement lqajt ghandek hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew xort'ohra sabiex tindahal biex tbiegh jew tmexxi;

3. aktar talli fl-istess cirkostanza ikkagunajt fuq il-persuna ta' ***Doris Vella*** ta' 76 sena, feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Dr. J.C.Abela M.D. reg.nru.2356;

4. Minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestajt, zammejt jew issekwestrajt lill-Doris Vella 76 sena kontra l-volonta' taghha;

5. fl-istess jum, look, hin u cirkustanzi, bl-imgieba tieghek ikkagunajt lil Doris Vella biza li ser tintuza vjolenza kontrieh, meta kont taf li jew messek taf li dik l-imgieba tieghek se tikkaguna biza;

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuna/i u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuna/i jiffrekwentaw;

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna/i involuti u l-familja taghhom ai termini ta' l-artikolu 382A, 383, 384, 385 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment miltuba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfligi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez

li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat li matul is-seduta tat-30 ta' Marzu 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma bil-ġurament l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit stqarr li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat li l-Qorti bdiet tiġbor il-provi f'dan il-każ u rat ukoll id-diversi rinviji mibgħuta mill-Avukat Ġenerali.

Rat id-dokumenti kollha prodotti, inkluż l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat kif ukoll il-fedina penali tiegħu.

Semgħet ukoll ix-xiehda, inkluż u b'mod partikolari dik ta' Doris Vella, il-mara anzjana vittma f'dan il-każ, kif ukoll it-tabib Jurgen Abela u ċ-ċertifikat mediku rilaxxjat minnu eżibit a fol 29.

Rat ukoll il-proċess verbal redatt mill-Maġistrat dottor Natasha Galea Sciberras u r-relazzjonijiet tal-esperti hemmhekk eżibiti.

Rat ukoll li nhar il-21 ta' Lulju 2015 l-Uffiċjal Prosekutur in adempiment mar-rekwiżit numru wieħed tal-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju datata 23 ta' Ġunju 2015, żied l-addebitu tar-reċidiva a karigu tal-imputat. Rat ukoll li matul l-istess udjenza d-Difiża ddikjarat li l-imputat ħallas lil Doris Vella l-ammont ta elf u mitt euro (€1100).

Rat li matul is-seduta tas-27 t'Awissu 2015 l-imputat, debitament assistit mill-Avukati Dottor Veronique Dalli u Dean Hili, iddikjara li kien ħati tal-imputazzjonijiet kif kontestati lilu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż fis-sens illi għar-reati li għadu kif ammetta għalihom jista' jingħata piena ta' priġunerija kif ukoll pieni pekunjarji jew pieni alternattivi u wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat it-talba tal-Avukati Difensuri sabiex jiġi mħejji *pre-sentencing social enquiry report* kif ukoll id-digriet tagħha fejn hija kienet ordnat lid-

Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex iħejji rapport dwar l-imputat fit-termini mitluba mid-Difiża.

Rat ir-relazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation Charisse Boffa maħlufa minnha nhar it-23 t'Ottubru 2015.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

Rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża nhar is-6 ta' Marzu 2015 fl-ismijiet ***Il-Pulizija Spettur Carlos Cordina vs Brandon Lee Psaila*** li kien il-ko-awtur fir-reati kommessi minn dak l-imputat Psaila fejn dik il-Qorti fuq l-ammissjoni tiegħu stess sabitu ħati u kkundannatu *inter alia* għal piena ta' priġunerija għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin xahar sospiżi għal tliet snin nonche ordni ta' ħlas t'elf u mitejn euro (€1200) lil Doris Vella fi żmien sitt xhur u l-obbligazzjoni tiegħu għal żmien sena taħt penali ta' tminn mitt euro (€800) u fejn ma ġiex kundannat iħallas spejjeż peritali inkwantu lil dik il-Qorti ma kienx irriżultalha li kien hemm spejjeż peritali għax ma rriżultalhiex li kien hemm esperti involuti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata da parti tal-imputat għall-imputazzjonijiet kontestati, din il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kontestati lilu.

Din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi f'dan il-każ u ħasbet fit-tul dwar dak li għandha tkun il-piena idoneja f'dan il-każ, anke fid-dawl tas-sentenza tal-komplići tiegħu aktar il-fuq imsemmija.

Qabel xejn tinnota li l-ammissjoni tal-imputat ma kienetx waħda bikrija tant li parti sostanzjali tal-provi kienu diġa ġew mismugħa meta huwa għażel li jammetti l-imputazzjonijiet kontestati lilu. Għalhekk, skont il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, din il-Qorti ma tistax tagħti xi "discount" (għoli jew mhux) lill-imputat fil-piena eroganda.

Mill-banda l-oħra jirriżulta li l-imputat ħallas lill-vitma tal-każ l-ammont ta' elf u mitt euro (€1100). Dan juri, sa' ċertu punt element ta' rikonoxximent tar-responsabbilta' versu l-azzjoni tiegħu u l-ħsara kaġunata minnu.

Minn qari tal-fedina penali tiegħu jirriżulta li fit-8 ta' Ottubru 2010 huwa kien diġa ġie misjub ħati darba oħra minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat dottor Doreen Clarke li kien ikkawża offiżi ta natura gravi fuq

il-persuna ta' Shilo Curmi u kien diġa tqiegħed taħt ordni ta' *probation* għal perjodu ta' sentejn. B'hekk jirriżulta ċar li l-imputat kien diġa ingħata ċans minn dawn il-Qrati biex jagħmel sforz u jirriforma ruġu. Iżda minkejja din l-ordni ta' *probation* u minkejja li kien għadda t-terminu tal-*probation*, minflok għażel li jirriforma ruħu u jieqaf jiddelinkwi, l-imputat għażel li jagħmel qabża fil-kwalita' tad-delinkwenza billi ikkommetta dan is-serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur u lok a detriment ta' mara anzjana.

Il-Qorti semgħet ix-xiehda tal-vitma anzjana f'dan il-każ Doris Vella, u ratha tixhed. Din hija mara anzjana ta' 76 sena li fil-jum tad-delitt ħarġet tisma' l-quddies u wara li marret tixtri m'għand tal-*grocer*, irħietilha lejn id-dar u wara li poġġiet ix-xirja fil-*fridge*, telgħet biex tbiddel il-ħwejjeġ u tinżel tiekol xi ħaġa. Kien f'dak il-mument li f'darha sabet lill-imputat u lil sieħbu Brandon Lee Psaila[1] li kienu daħlulha f'darha inkiss inkiss. Vella tiddeskrivi xena xejn sabiħa u tgħid eżattament hekk : -

> Fid-dar ehe għax jiena kont waħdi kif kont tiela' issussawni minn hawn minn spalti u tefawni fuq is-sodda, kif tefgħawni fuq is-sodda wiċċi 'l fuq attewli ħalqi, wieħed minnhom naqra twil u bdejt nagħmlilhom ħoluwni ħoluwni, qalli tgħajjatx, tgħajjatx għidlu ma ngħajjatx, oqgħod kwieta imbagħad ... għidilhom ħuduli li għandi u ħalluni imbagħad kelli erba' ktajjan hawn u erba' ktajjen hawn ... u ġiżirana. Ktajjen minn dawn brazzuletti....u mbagħad qatawli l-giżirana, ġibduli l-giżirana minn għonqi u na stajtx nagħrafhom għax kellhom nuċċali kbir, bil-...kellhom il-gakketta bil-piz fuq in-

---

[1] li dak iż-żmien kien għadu minorenni

nuccali kif rajthom imbagħad qabdu t-tape lil sieħbu, qallu gib it-tape, rabtuli idejja, bdejt nagħmel hekk inħollu, kif naħħejtu, neħħejt it-tape minn ma ħalqi imma ma stajtx inaħħi ta' saqajja, bdejt nitkaxkar u cempilt lil Pulizija u gew il-Pulizija u telqu jiġru, u biex ma noħroġx mill-gallarija, telqu jiġru.

Minbarra li sofriet din is-serqa, hija kienet ukoll vitma t'aggressjoni da parti tal-imputat u sieħbu minuri, li b'xorti tajba kellha konsegwenzi fiżiċi żgħar, għalkemm jidher li l-vitma sofriet xokk qawwi, li anke matul is-seduta kienet stqarret li għadha xxokkjata. Fil-fatt it-tabib Abela iċċertifika li hija kienet qed issofri minn "mild anxiety state" iżda kienet kapaċi tikkomunika sew. Biss kwantu għal dak li għandu x'jaqsam mal-ġrieħi fiżiċi sofferti minnha, hija tgħid li meta marret għand it-tabib, dan sab li kellha kollox normali. It-tabib Abela iċċertifika li kellha ftit ħmura fuq il-polz xellugi u fuq il-polz lemini.

Fid-dawl ta' dawn l-istqarrijiet u r-riżultanzi tat-tabib Abela, din il-Qorti tqis li l-offiża sofferta minn Vella kienet waħda li tinkwadra taħt l-Artikoli 214 u 221(3) tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk tissubentra fil-parametri tal-piena msemmija fl-Artikolu 274(d) u mhux fl-Artikolu 274(c) tal-istess Kodiċi.

Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti jidhrilha li din it-tipoloġija ta' serq vjolenti u l-mod kif ġiet imwetqa hija waħda ferm perikoluża u odjuża b'mod partikolari meta mwetqa fuq persuna anzjana inermi u li setgħa kellha konsegwenzi ferm aktar gravi minn dawk sofferti minn Vella

f'dan il-każ. Naturalment ftit kien jidher li impurtahom l-imputat u sieħbu mill-effett tal-azzjoni tagħhom fuq din il-mara anzjana tant li mhux biss żammewha kontra r-rieda tagħha talli rabtuha minn idejha u saqajha u għalqulha ħalqha bit-tape, fatt waħdu setgħa faċilment wassalha li taqta' nifisha jew saħansitra tifga. B'xorti tajba ma kien hemm xejn minn dan.

Il-Qorti rat ir-relazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation dwar l-istat u l-kondizzjoni tal-ħajja attwali tal-imputat. Ħadet in konsiderazzjoni ta' dak mistqarr mill-istess Uffiċjal fir-rigward tal-imputat u l-fatt li huwa ddispjeċih għal dak li għamel. Mill-banda l-oħra il-fatt li kien u għadu jpejjep il-kannabis bl-ebda mod ma jnaqqas mir-responsabbilta tiegħu għall-azzjoni li huwa għażel li jwettaq bi ħsara tal-anzjana hawn fuq imsemmija.

Il-fatt li ħallas lura sehemu minn dak li seraq, huwa fattur pożittiv u ta' vantaġġ għall-ħati u li l-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni tiegħu meta tiġi biex tagħti l-piena. Biss dan il-fatt waħdu mhux biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-ħsara kommessa minnu. Kieku kien hekk, kull min jisraq irodd lura dak li seraq u barra bid-daqq. Din ma tkunx ġustizzja, iżda biss parodija tagħha. Għar-reat li wettaq l-imputat u ċjoe' s-serq kwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur u lok, hemm piena ta' priġunerija twila u l-ħlas lura ma jnaqqasx mir-responsabbilta tal-ħati – iżda biss jgħinu biex ikun hemm konsiderazzjoni fil-piena li għandha tiġi inflitta.

F'dan il-każ, l-aktar kwalifika li ġġorr magħha piena ħarxa hija dik tas-serq kommess flimkien ma offiża fuq il-persuna. F'dan il-każ, il-Qorti diġa qalet li qegħda tikkonsidra l-effetti tal-offiża ħafifa bħala li jaqgħu taħt l-Artikolu 221(3) tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk il-piena stabbilita għal dan ir-reat hija dik ta' priġunerija għal perjodu li jvarja bejn it-tlettax il-xahar u tliet snin u mhux dik ta' priġunerija għal perjodu li jvarja bejn sentejn u ħames snin.

Iżda f'dan il-każ peress li l-vitma hija persuna anzjana li għandha l-fuq minn sittin sena, il-piena ta' priġunerija **<u>għandha</u>** tiżdied bi grad jew tnejn skont l-Artikolu 276A tal-Kodiċi Kriminali. B'hekk il-piena massima miżjuda b'żewġ gradi mogħtija fil-minimu titla' għal sentejn priġunerija filwaqt li l-massimu titla' għal ħames snin priġunerija.

Issa f'dan il-każ il-piena ta' priġunerina terġa tiżdied aktar għaliex skont l-Artikolu 277(b) tal-Kodiċi Kriminali jekk is-serq ikun ikkwalifikat bil-mezz, bħal ma huwa dan il-każ, il-piena stabbilita bl-Artikolu 276A tal-Kodiċi Kriminali terġa tiżdied bi grad jew tnejn. Dan ifisser li din il-piena massima miżjuda b'żewġ gradi tiżdied billi fil-minimu tagħha tiġi mhux anqas minn erba' snin priġunerija u fil-massimu tagħha titla' sa' disa' snin priġunerija. Din il-Qorti qegħdha tagħmilha ċara li l-fatturi mitiganti tal-ħlas u s-sogħba li wera l-imputat, wasluha li żżid il-piena bi

grad u mhux bi tnejn fiż-żewġt istanzi fejn il-piena trid tiżdied skont il-Liġijiet hawn fuq imsemmija.

Apparti minn hekk il-Qorti trid tqis ukoll l-aspett tar-reċidiva kif ukoll l-aspett l-ieħor tal-konkors tar-reati u pieni applikabbli f'dan il-każ.

Hekk per eżempju f'dan il-każ il-Qorti qegħda tqis li t-tieni imputazzjoni kontestata f'dan il-każ u ammessa mill-imputat ġiet kontestata lilu bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni u dan peress li jirriżulta pruvat b'mod ċar li l-imputat seraq lill-vitma u mhux biss kien riċettatur. Għalhekk il-Qorti mhix sejra tagħti piena separata għar-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Kwantu għat-tielet imputazzjoni, il-Qorti qegħda tikkonsidra li l-fatt li ta' lok għar-reat ta' offiża ħafifa fuq il-persuna ta' Doris Vella waqt il-kommissjoni tar-reat ta' serq kwalifikat għandu jiġi ritenut bħala reat uniku għall-fini ta' piena b'mod li l-piena applikabbli għandha tkun dik għar-reat aktar gravi tas-serq kwalifikat bil-vjolenza ai termini tal-Artikolu 274(d) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi mill-banda l-oħra, fir-rigward tar-raba' imputazzjoni din il-Qorti ma tqisx li hemm l-estremi neċessarji biex tiġi invokata l-aggravanti tas-sekwestru – li kienet tiskatta l-piena maġġuri ai termini tal-Artikolu 275

tal-Kodiċi Kriminali – u dan peress li mill-provi riżultanti ma ġiex pruvat li l-vitma ġiet sekwestrata wkoll.

Iżda l-Qorti tqis li l-element tal-**arrest illegali** jirriżulta ampjament kommess u li dan ġie ssiġillat mhux biss bil-kliem tal-imputat u sieħbu iżda wkoll bl-egħmil tiegħu li rażżnu lill-vittma wkoll billi rabtuha bit-tape minn idejha u saqajha. Din it-tip ta' vjolenza fuq il-persuna u l-liberta tal-persuna ma tistax tiġi meqjusa **biss** bħala li hemm konkors formali u ideali għall-fini tas-serq kwalifikat. Il-fatt tal-arrest illegali għalkemm setgħa beda biex ikun jista' jitwettaq ir-reat tas-serq kwalifikat spiċċa biex **ippersista** ukoll wara li r-reat ta' serq kien ikkunsmat. Il-vitma mhux biss ġiet arrestata fil-waqt li kien qiegħed isir ir-reat ta' serq talli inżammet hekk arrestata **wara l-konsumazzjoni tas-serqa.** Hija baqgħet imħollija fl-istat ta' rbit fiżiku kif kienet waqt il-kommissjoni tas-serqa u kienet hi li rnexxielha tinħalla mill-irbit magħmul fuq il-persuna tagħha mill-imputat u sieħbu. Il-Qorti għalhekk qegħda tikkonsidra li r-reat tal-arrest illegali ai termini tal-Artikoli 86 u 87(1)(c)(e) tal-Kodiċi Kriminali ġie integrat u li l-imputat għandu jirrispondi għalih ukoll indipendentement mir-reat ta' serq u dan ukoll kif del resto ammess minnu fl-ammissjoni inkondizzjonata reġistrata minnu.

Dan ifisser li l-piena aktar il-fuq imsemmija trid tiżdied ukoll billi tiġi meħuda in konsiderazzjoni l-piena minima ta' tlettax il-xahar

priġunerija u massimu ta' tliet snin priġunerija kontemplati fl-Artikolu 87 tal-Kodiċi Kriminali. Biss il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li bejn l-ewwel imputazzjoni u r-raba' imputazzjoni hemm l-applikabbilta tal-konkors għall-fini ta' piena ai termini tal-Artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Mill-banda l-oħra il-Qorti rat li l-imputat ammetta wkoll għall-ħames imputazzjoni. Issa din l-imputazzjoni mhix qegħda tiġi ritenuta legalment sostinibbli f'dan il-każ, minkejja l-ammissjoni tal-imputat, għar-raġunijiet segwenti. Jekk din l-imputazzjoni qegħda tipprospetta l-Artikolu 251(3) tal-Kodiċi Kriminali kif inhu illum, dan is-subartikolu ma kienx jeżisti fil-jum meta kienu kommessi r-reati de quo u għalhekk din il-Qorti ma tistax issib lil xi ħadd ħati ta' reat li ma kienx jeżisti fil-jum meta seħħ il-fatt.

Mill-banda l-oħra jekk din l-imputazzjoni tipprospetta r-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, minn imkien ma jirriżulta li kien hemm xi *course of conduct* f'dan il-każ li setgħa jiġġustifika l-integrazzjoni ta' dan ir-reat. Anzi jirriżulta ċar mill-imputazzjoni li l-imputat ġie mixli li kkommetta dan l-att darba waħda. B'hekk il-Qorti ma tistax issibu ħati ta' din l-imputazzjoni għaliex fi kwalunkwe każ f'din l-aħħar ipoteżi l-imputazzjoni mhix legalment sostenibbli f'dan il-każ.

Jifdal imbagħad l-imputazzjoni tar-reċidiva li ġiet miżjuda. Issa l-Qorti rat li l-imputat ġie misjub ħati fl-2010 u ġie soġġett għal ordni ta' probation għal perjodu ta' sentejn, li kienu skadew qabel ma ġew kommessi r-reati de quo. Issa skont l-Artikolu 25 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta :

> **25.** (1) Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun, minbarra -
>
> (*a*) il-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att,

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti ukoll wara li rat l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali mhix qegħda tqis lill-imputat bħala reċidiv.

Issa pero a differenza ta' sieħbu Brandon Lee Psaila, l-imputat ma jistax jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena kemm minima kif ukoll massima minħabba l-eta minuri u dan peress li Agius ma kienx minorenni fil-jum meta wettaq id-delitt u dan peress li kellu kważi ħamsa u għoxrin sena. Issa din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ikkundannat lill-Psaila għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal tliet snin – u dan fil-każ li hija kellha s-setgħa li tnaqqas il-piena bi grad jew tnejn u f'każ fejn l-istess Psaila ma jidherx li kellu każijiet oħra qabel. Din il-Qorti ma tistax tapplika dawn l-attenwanti għaliex mhux applikabbli fil-konfront ta' Agius.

Din il-Qorti ma tistax timponi piena ta' priġunerija fil-forma sospiża wkoll għaliex il-minimu tal-piena jaqbeż is-sentejn priġunerija.

Meqjuż il-gravita u s-serjeta tal-każ magħqud mal-fatt li l-imputat ingħata diġa ordni ta' probation u li minkejja li kien jattendi għas-sessjonijiet u kkolabora mal-Uffiċjal tal-*Probation*, xorta waħda reġgħa għażel minn jeddu li jiddelinkwi u jżid fid-doża tad-delinkwenza billi jikkommetti delitt serju serju u kiefer fuq mara anzjana innoċenti, ma tqisx li f'dan il-każ piena ta' ordni ta' *probation* jew ordni oħra taħt il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tkun waħda ġusta u meritevoli.

Jasal punt fil-ħajja ta' bniedem fejn huwa jkun irid jaffronta r-realta u b'mod partikolari il-gravita ta' egħmilu u r-responsabbilta' ta' dak li jitnissel minn egħmilu. Din il-Qorti jidhrilha li dan il-mument wasal għall-imputat, li messu ħasibha sew fuq il-konsegwenzi t'egħmilu u l-għawġ li kien ser jidħol fiħ u dawk qrib tiegħu **qabel** u mhux wara li wettaq din is-serqa vjolenti kwalifikata fuq mara anzjana.

## ***Deċide : -***

Li wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 31, 86, 87(1)(c)(e), 214, 221(3), 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(a)(2), 263(b), 267, 269(g), 274(c), 276A, 277, 278(2), 280(2) u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li tastjeni milli tieħu

konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni stante li din ġiet kontestata bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni, qegħda ssibu mhux ħati tal-ħames imputazzjoni peress li mhux legalment sostenibbli u kif ukoll filwaqt li qegħda teżerċita d-diskrezzjoni tagħha li ma tikkunsidrax lill-imputat reċidiv skont kif imputat, mill-banda l-oħra l-Qorti qegħda ssib lill-imputat **James AGIUS**, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-ewwel, it-tielet u r-raba imputazzjoni u tikkundannah għall-piena komplessiva ta' **tletin xahar priġunerija**.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali u tipprojbixxi lill-ħati milli javviċina, jsegwi, jivvessa jew jimmolestja l-movimenti ta' Doris Vella u dan għal perjodu ta' tliet snin.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u peress li jirriżultalha li fil-fatt f'dan il-każ kien hemm inkjesta Maġisterjali li fiha kienu ġew maħtura esperti, stante li f'dan il-każ James Agius ma kienx waħdu meta kkommetta d-delitt u ġie pruvat ukoll li kien hemm Brandon Lee Psaila li wettaq id-delitti miegħu, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-James Agius sabiex iħallas biss nofs l-ispejjeż peritali inkorsi f'dan il-każ, liema sehem ta' nofs jammonta għal seba' mija erbgħa u disgħin euro ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€794.45).

Il-Qorti rat l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-atti kollha tal-kawża flimkien ma din is-sentenza jintbagħtu għand l-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol.

*Mogħtija illum il-25 ta' Jannar 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.*

*Aaron M. Bugeja.*

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## ORDNI TA' PROTEZZJONI

*(SKONT L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**MAĠISTRAT** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**ILLUM** ***25. i. 2016***

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**vs**
**James AGIUS**

Il-Qorti,

Wara li rat l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna l-ħrug t`Ordni ta' Protezzjoni kontra l-ħati **James AGIUS** li joqgħod 31, Flat 18, Triq l-Iljun, Floriana detentur tal-karta tal-identita' numru 558888(M) taħt il-kundizzjonijiet segwenti u ċioe` li ai termini tal-Artikolu 412Ċ(3) tal-Kodiċi Kriminali:

a) Tipprojbixxi l-ħati milli **b'kull mod,** kemm direttament kif ukoll indirettament, inkluż permezz tat-telefon jew b'xi mod ieħor ikellem, javviċina, jimmolesta, jivvessa, idejjaq jew jiffastidja lil Doris Vella;
b) Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ ghal perjodu ta' tliet snin millum;
c) Jekk mingħajr raġuni valida il-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu jista' jekk jinstab ħati jeħel multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn flimkien.

***Il-Maġistrat*** ***Il-Ħati***

***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

Ammessi/oħrajn